# Il-*Campus**

ANTON TABONE

Iċ-Ċentru tal-Università f'Għawdex, illum il-ġurnata jista' jitqies li qiegħed jagħti hu ukoll identità lill-Għawdex, imma importanti li nirrealizzaw li dan seta' jseħħ biss għaliex Għawdex għandu l-kredenzjali u allura jikkwalifika li jħaddan fih Ċentru tal-għola istituzzjoni edukattiva tal-pajjiż li hija propju l-Università. Wieħed irid jikkunsidra li iċ-Ċentru m'ilux tant snin jiffunzjona fil-gżira. Infakkar li kien infetaħ uffiċjalment fil-post fejn jisab illum f'Mejju 1996, għalkemm beda jopera minerba' snin qabel sa mis-sajf tal-1992. Fi Frar 1993 ingħata bidu tal-ewwel kors li wassal għall-Baċellerat fl-Arti (B.A.) f'sala tal-Iskola Sekondarja Sir M. A. Refalo fir-Rabat. Dak kien post temporanju sakemm ġie rinnovat u kkonvertit b'sengħa kbira l-bini tal-Lazzaret, kif insibuh hawn Għawdex, fi triq Mġarr, ix-Xewkija. Ta' min isemmi wkoll




L-eks Prim Ministru u eks President tar-Repubblika Dott. Eddie Fenech Adami waqt l-inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid fix-Xewkija.

* Dan l-artiklu ġie ippublikat għall-ewwel darba f' *Il-Ħajja f'Għawdex,* Ħarġa - Jannar 2009.

li qabel Lazzaret, kien hemm żewġ postijiet oħra li ġew esplorati biex iservu ta' Ċentru. Wieħed kien il-Kunvent ta' Santu Wistin u l-ieħor il-Konservatorju fir-Rabat fejn illum hemm skola Sekondarja tal-Bniet. B'kollox għalhekk l-Università ta' Malta ilha involuta direttament f'Għawdex għal dawn l-aħħar 17-il sena.

Iċ-Ċentru għandu l-istatut tiegħu li tfassal fl-ewwel xhur tal-1993 u li llum hu regolat permezz ta' Avviż Legali. L-iskop ta' dan iċ-Ċentru skond dan l-Avviż hu li:

- jassisti fil-loġistika u f'aspetti simili korsijiet ekwivalenti ta' Grad, ta' Diploma u/jew ta' Ċertifikat li minn żmien għal ieħor ikunu organizzati f'Għawdex
- jorganizza konferenzi , seminarji u attivitajiet simili fil-gżira
- jippromwovi riċerki f'affarijiet Għawdxin u jiżviluppa rabtiet ma Għaqdiet lokali biex magħhom ikun jista jorganizza attivitajiet varji
- isegwi u jassisti lill-istudenti Universitarji Għawdxin f'Malta, u
- jmexxi attivitajiet anċillari mal-iskopijiet msemmija hawn fuq.

L-Avviż Legali jikknotempla li iċ-Ċentru għandu jitmexxa permezz ta' Bord biċ-Chairman tiegħu ikun ir-Rettur tal-Università jew rappreżentant tiegħu.

Naħseb li f'dan il-kuntest hu fid-dover tiegħi li hawn insemmi t-tentattiv li kien sar lejn tmiem is-snin sittin biex titwaqqaf dik li kienet tissejjaħ



L-eks Ministru għal Għawdex u eks Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Anton Tabone waqt l-inawgurazzjoni tal-ewwel kors f'Għawdex.

'University of the Air'. Dan kien esperiment li beda fl-Ingilterra li permezz tiegħu student seta' jsegwi kors universitarju fuq ir-radju mingħajr ma jattendi għalih, ħlief biex joqgħod għall-eżamijiet. Speċi ta' video conferencing tal-lum. Dak it-tentattiv Għawdxi ried jikkopja l-esperiment Ingliż billi joħloq l-opportunità biex studenti Għawdxin jibdew jew jissuktaw l-istudji Universitarji tagħhom minn Għawdex, filwaqt li jisimgħu il-lectures minn fuq ir-radju. Dak it-tentattiv nibet b' kollaborazzjoni bejn l-Università, il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u sa ċertu punt mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Fuq quddiem nett minn naħa tal-Università kien hemm il-Professur Ġużè Aquilina, Għawdxi bħalna li dak iż-żmien kien Viċi Rettur, u missieri bħala il-President tal-Kunsill Ċiviku.

Iżda dak it-tentattiv kien donnu destinat li jfalli għax nifhem jien, ma kienx hemm biżżejjed ħeġġa minn kullimkien, u anki għaliex iċ-ċirkostanzi politiċi tbiddlu malli nbidel il-gvern. Xorta waħda nsellem lil dawk in-nies involuti f'dak it-tentattiv. Tajjeb li jiġi reġistrat ukoll li propju f'dak iż-żmien, jiġifieri fl-1969, għall-ewwel darba il-Gvern beda jgħati allowance lil kull student Għawdxi li jidħol fl-Università f'Malta b'hekk jinkoragixxi liż-żagħżagħ Għawdxin isiru studenti universitarji huma ukoll. Dan kien prinċipju ġdid li ddaħħal u kompla jiġi segwit sal-ġurnata tal-lum. Jiġifieri li l-Gvern ħassu obligat li jwieżen lill-istudenti ġejjin minn Għawdex biex itaffilhom l-ispejjeż addizjonali li jesperjenzaw, u b'hekk l-Università ssir ukoll tagħhom.

Kellhom jgħaddu kważi erbgħin sena sabiex jerġa jsir tentattiv ieħor din id-darba għal ftuh ta' Ċentru f'Għawdex li fortunatament din id-darba irnexxa. Irnexxa għax iż-żmenijiet jitbiddlu kif ukoll iċ-ċirkustanzi. Definitivament il-klima din id-darba kienet wisq iżjed akkoljenti u konduċenti għal proposti ta' din in-natura. Għawdex kien stmat iktar u aħjar, imma fuq kollox kien beda jgawdi minn doża ta' awtonomija bis-saħħa tal-Ministeru tiegħu u għalih, li kien twaqqaf fih ftit ta' snin qabel. Il-proposta kienet ġiet varata fil-Kabinett u bl-arti jew bis-saħħa tal-persważjoni ġiet navigata għal ġol-port. Irrid ngħid li il-proposta kellha alleat qawwi fir-Rettur ta' dak iż-




Il-Professur Peter Serracino Inglott, eks Rettur tal-Università ta' Malta waqt l-inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid fix-Xewkija.

żmien Fr Peter Serracino Inglott, li fih sibt spalla żonqrija. Kellu il-fortuna ukoll li ċ-Ċentru sab min imexxih bniedem li għalija waqa' mis-sema, sakemm sirt naf li kien avviċinat mir-Rettur. Qed nirriferi għal Professur Lino Briguglio li fehem mill-ewwel l-eżiġenzi reġjonali tal-proġett kollu u ħass fih is-sens ta' storja fl-introduzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja ġo Għawdex.

Fil-jum tal-inawgurazzjoni tal-post il-ġdid, niftakarni ngħid fid-diskors li għamilt li dik iċ-ċerimonja kienet verament ħolma li saret realtà. Komplejt li dak li konna qed nassistu għalih f'dik l-għodwa kien akkwist ta' dak li hu sew li jsir, għax jixraq li jsir u jista' jsir. Tennejt imma, li jrid ta' bilfors ikollok fidi kbira f'dak li temmen fih b'konvinzjoni totali u assoluta, għaliex żgur li tiltaqa' ma ħafna Tumasijiet fi triqtek, speċjalment jekk dik it-triq twasslek Għawdex. Issuktajt ngħid li l-proposta ta' Gozo Centre tal-Università setgħet fil-bidu dehret bħala waħda pretenzjusa jekk mhux ukoll prużuntusa għal min lil Għawdex ma jafux, jew ma jafux biżżejjed. Imma għal darb'oħra ġie ippurvat li f'Għawdex hemm wisa' għall-inizzjattivi ġodda u kuraġġjużi li huma sostenibbli, anzi li f'ħafna każi jifilħu jsostnu lilhom infushom.

Argumentatjt li l-involviment tal-Università fl-affarijiet ta' Għawdex kien pass mill-iktar importanti u sinifikattiv għall-emanċipazzjoni tal-gżira Għawdxija fil-ħajja nazzjonali. Anzi bl-involviment tagħha, l-Università tat sinjal lill-Istituzzjonijiet u Organiżżazzjonijiet Nazzjonali biex huma wkoll jagħmlu kuraġġ u jmiddu riġlejhom fuq Għawdex tagħna ħa jagħmluh tagħhom ukoll.

Illum nistgħu nħarsu lura b'sodisfazzjon sħiħ u nsellmu lill-mijiet ta' studenti Għawdxin li gradwaw, kisbu diploma jew ċertifikat u jew segwew korsijiet fiċ-Ċentru matul is-snin li dan iċ-Ċentru u l-arranġamenti ta' qablu ilhom jiffunzjonaw f'Għawdex. Jalla jkompli jitkattar l-għadd ta' studenti u ta' korsijiet, anki kif diġà qed isir, permezz ta' programmi ko-finanzjati mill-UE. Nieħu l-opportunità biex insellem minn qalbi lill-kollaburaturi kollha u lil kull min b'xi mod ikkontribwixxa biex jgħamel din il-ħolma sabiħa ssir isbaħ.

Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħi huma li l-Board jiltaqa' iktar ta' spiss u jsegwi mill-qrib is-sitt skopijiet li għalih twaqqaf iċ-Ċentru u cioè li jkompli fil-programmar tal-korsijiet; li jorganiżża konferenzi, seminarji u attivitajiet simili; jippromwovi riċerka f'affarijiet t'Għawdex; isegwi l-progress ta'studenti Għawdxin fl-Universita' ta' Malta; jiżviluppa rabtiet ma' Għaqdiet Għawdxin, biex jorganiżża attivitajiet flimkien magħhom, u biex imexxi attivitajiet anċillari ma dawn l-istess għanijiet. Fl-aħħar l-awgurju tiegħi hu li iċ-Ċentru jieħu promozzjoni u jsir Campus. Il-Campus ta' l-Università ta' Malta f'Għawdex. Hekk jixraqlu.

Anton Tabone kien l-ewwel Ministru għal Għawdex u wara Speaker tal-Kamra tad-Deputati.